# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 45**

**Rikors numru 153/13/1 SM**

**Mark Muscat**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru, 2017, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu u dan bl-ispejjeż kontrih;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat:*

*11. Illi essenzjalment din il-procedura tippernja dwar il-fatt jekk il-bank intimat kellux id-dritt li jiehu passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrenti wara li dan tilef il-bagalja tieghu kontenenti informazzjoni privata u sensittiva, fi zmien meta l-impjegati tal-istess bank kienu qeghdin f'tilwima industrijali mal-istess bank;*

*Ikkunsidrat:*

*12. Illi mill-provi kospikwi prodotti jirrizulta li dakinhar tal-istrajk ir-rikorrenti ma kienx ordnat – la mill-bank intimat, u lanqas mill-ghaqda trejdunjostistika tieghu – illi jkollu l-bagalja tieghu mieghu;*

*13. Illi ghalhekk ma jirrizulta li hemm l-ebda ness fir-rigward meta r-rikorrenti jsosstni li meta hu tilef l-informazzjoni in dizamina hu kien qieghed jagixxi taht id-direttiva mahruga mill-MUBE;*

*14. Illi fih innifshu, il-fatt li r-rikorrenti jkollu l-bagalja mieghu mhux ekwivalenti ghal xi att intiz biex ikun wiehed li jkun in kontemplazzjoni jew fl-avvanz ta' tilwima industrijali;*

*15. Illi konsegwentement, l-immunita` prospettata u mitluba mir-rikorrenti mhix applikabbli stante li c-cirkostanzi in dizamina mertu tal-ezami odjern ma jaqghux fl-ambitu u fil-limiti ta' direttivi legittimi ta' trejdunjon;*

*16. Illi in vista tal-istess, ghandu ghalhekk ikun pacifiku li l-artiklu 63 tal-Kap 452 li fuqu jistrieh ir-rikorrenti, senjatament li l-azzjoni kollha tieghu in dizamina hi protetta minn kull azzjoni stante li dan l-artiklu jipprospetta l-helsien tat-trejdunjon minn kawzi dwar ghemil ta' hsara, mhux applikabbli ghac-cirkostanzi in dizamina;*

*17. Illi di piu`, il-bank intimat ipprezenta numru ta' dokumenti li juru d-disposizzjonijiet ta' manwali u direttivi mahruga mill-istess bank li l-intimat jirrizulta li kiser meta hu hareg fil-bagalja dik l-informazzjoni sensittiva li hu kellu fil-kustodja tieghu, (ara foll 14 sa 55), senjatament:*

> *"Management **must prohibit** information handling outside of HSBC premises where the risk is considered to be unacceptable, cannot be appropriately managed, or where more secure alternatives are available", (ara foll 15 emfasi tal-qorti);*

*18. Illi l-istess konkluzjoni tirrizulta riportata fir-Rapport Investigattiv redatt mill-bank intimat, (ara foll 98 sa 102);*

*Ikkunsidrat:*

*19. Illi in effetti jirrizulta assodat li r-rikorrenti verament hareg mill-bini tas-socjeta` intimata bil-lista tal-klijenti tieghu minghajr ma kellu l-ebda permess biex jaghmel dan mis-superjuri tieghu;*

*20. Illi ghandu jkun pacifiku li tali azzjoni kienet tassew bi pregudizzju tal-bank intimat meta jigi ikkunsidrat il-fatt li l-informazzjoni in dizamina hi tassew privata u sensittiva;*

*Ikkunsidrat:*

*21. Illi in vista tas-suespost, ghandu wkoll jirrizulta pacifiku li l-bank intimat kien gustifikat li jintroduci passi dixxiplinari a bazi tal-istatuti u tar-regolamenti tieghu fil-konfront tar-rikorrenti;*

*22. Illi jirrizulta li meta l-bank intimat hareg l-imputazzjoni dixxiplinari tieghu fil-konfront tar-rikorrenti, hu ghamel dan in linea mal-ftehim kollettiv, (ara "Disciplinary Proceedings involving Local Regulatory Compliance Duties" foll 56);*

*23. Illi konsegwentement, meta sussegwentement il-bank intimat issosspenda lir-rikorrenti mill-impjieg tieghu bil-paga shiha lilhu dovuta f'dak il-perjodu, u b'bonus medju moghti lil shabu li kienu ghadhom imorru ghax-xoghol, l-istess azzjoni hekk mehuda kienet ukoll in linea mal-istess ftehim kollettiv fuq riferit;*

*Ikkunsidrat:*

*24. Illi jigi rilevat li immedjatament li l-bank intimat inizja l-azzjoni amministrattiva tieghu fit-termini tal-ftehim kollettiv fuq riferit, ir-rikorrenti talab u ottjena l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni, - Rikors Numru 42/13 – li permezz tieghu l-imsemmi bank kien inibit milli jkompli bil-passi dixxiplinarji minnu inizzjati kontra r-rikorrenti sakemm tigi deciza l-procedura odjerna;*

*25. Illi l-bank intimat immedjatament ikkonforma ruhhu mal-imsemmi mandat t'inibizzjoni u issosspenda l-proceduri dixxiplinari minnu inizzjati fil-konfront tar-rikorrenti;*

*26. Illi konsegwenza naturali tal-istess hu l-fatt li rizultat tal-mandat fuq riferit, u tal-azzjoni odjerna mieghu konnessa, l-proceduri dixxiplinari inizzjati fil-konfront tar-rikorrenti ittawwlu b'mod inkonsiderat u kontra l-ispirtu tal-ftehim kollettiv;*

*Ikkunsidrat:*

*27. Illi r-rikorrenti jallega wkoll li meta gie deciz li jittiehdu proceduri dixxiplinari mill-bank intimat fil-konfront tieghu minhabba l-fatti fuq riferiti, din id-decizjoni kienet wahda diskriminatorja;*

*28. Illi hu komunement risaput li jkun hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti;*

*29. Illi konsegwentement, biex tirnexxi din l-allegazzjoni r-rikorrenti jinhtieg li jipprova li kollegi tieghu li kienu f'sitwazzjonijiet simili u analogi ghal tieghu, ircevew trattament differenti u ovvjament favorevoli, minn dak riservat u moghti lir-rikorrenti;*

*30. Illi minn ezami tal-provi prodotti l-ebda sitwazzjoni analoga ma tirrizulta, u konsegwentement, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni ma tissusstix;*

*31. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla fl-ismijiet* ***Tarek Mohammed Ibrahim vs. Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern*** *et datata l-**5 t'April, 2011**, li tghid is-segwenti:*

> *"Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni dak li jrid jigi ppruvat huwa li l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dr. Louis Galea noe et vs Kummissarju tal-Pulizija*** *et deciza fit-**22 ta' Jannar 1990** mill-Qorti Kostituzzjonali gie ritenut illi l-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l- bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni:*
>
> *timporta zewg elementi, u cioe` li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari condizione) gie jew kien gie trattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari".*

*32. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jaghmel referenza ghall-kaz ta' Phyllis Bajjada Abram, (ara foll 405);*

*33. Illi ghandu jinghad li l-kaz tal-imsemmija Bajjada Abram hu totalment distint minn dak odjern tar-rikorrenti stante li dak ezaminat fil-procedura odjerna hu rizultat ta' azzjoni mehuda mir-rikorrenti stess, mentri dak ta' Bajjada Abram jirrizulta li kien kaz ta' "hold up", (ara foll 406);*

*34. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li d-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti fir-rigward ma tirrizultax*

*Ikkunsidrat:*

*35. Illi l-bank intimat jirrifjuta bil-qawwa li kellu xi intenzjoni li jkecci lir-rikorrenti, (ara foll 545);*

*36. Illi di piu`, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-bank intimat ried ikeccih ma ssib l-ebda sostenn oggettiv mill-provi prodotti;*

*37. Illi aktar minn hekk jirrizulta li permezz t'ittra datata t-22 ta' Frar, 2017, l-istess bank intimat kien anke talab lir-rikorrenti biex jirritorna*

*lura ghax-xoghol fil-5 ta' Lulju, 2016, bi promemorja fir-rigward datata t-30 ta' Novembru, 2016, (ara foll 525);*

*38. Illi r-rizultanzi fuq elenkati ghalhekk jimmilitaw kontra l-allegazzjoni tar-rikorrenti f'dan ir-rigward*

*Ikkunsidrat:*

*39.0. Illi fir-rigward tal-protest gudizzjarju intavolat fit-13 ta' Novembru, 2012, minn certu Noel Gauci fil-konfront tal-istess bank intimat li permezz tieghu zamm lill-imsemmi bank responsabbli ghal kwalunkwe dannu rizultanti minn telf tal-informazzjoni tieghu, (ara foll 85), jinghad sintetikament is-segwenti:*

*39.1. Illi l-istess Gauci iccara l-posizzjoni tieghu lill-bank intimat;*

*39.2. Illi din l-ispjegazzjoni giet meqjusa plawsibbli mill-istess bank;*

*39.3. Illi sussegwentement l-istess spjegazzjoni kienet accettata mill-bank de quo, (ara foll 546 u 547);*

*Ikkunsidrat:*

*40.0. Illi fir-rigward tal-komposizzjoni tal-Bord ta' dixxiplina mahtur mill-bank intimat biex jezamina l-agir tar-rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*40.1. Illi rapport tal-incident in dizamina datat il-31 t'Ottubru, 2012, gie redatt mill-persuna responsabbli mid- Dipartiment tal-bank de quo li jmexxi s-Security and Fraud Risk Department", (ara foll 388);*

*40.2. Illi sussegwentement l-istess Dipartiment ipprezenta rapport iehor fir-rigward datat it-30 t'April, 2013, (ara foll 265);*

*40.3. Illi in vista tal-istess il-kap tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani tal-bank intimat hareg akkuza datata it-2 ta' Novembru, 2012, fil-konfront tar-rikorrenti, (ara foll 96 u 341);*

*41. Illi jirrizulta li l-passi mehuda mill-bank intimat fuq elenkati kollha ittiehdu a bazi tal-ftehim kollettiv tas-settur in dizamina;*

*42. Illi di piu`, jirrizulta wkoll li wiehed mill-membri appuntati fil-bord ta' dixxiplina in dizamina effettivament kien nominat mill-istess "MUBE" li taghha r-rikorrenti hu membru, (ara foll 345);*

*Ikkunsidrat:*

*43. Illi finalment issir referenza ghall-ftehim kollettiv bejn il-bank intimat u l-"MUBE" datat il-15 t'April, 2013, (ara foll 400);*

*44. Illi f'dan ir-rigward jidher li l-bank de quo innegozja mal-union in dizamina biex ibiddel il-kundizzjonijiet specifici tax-xoghol partikolari ezegwit mill-"private clients managers", liema grad hu wkoll dak okkupat mir-rikorrenti, biex dan ikun konformi mad-direttivi tal-Unjoni Ewropeja;*

*45. Illi sussegwentement ghat-tibdil milhuq fil-ftehim fuq riferit, ir-rikorrenti ma setghax jibqa' jinsisti li jibqa' fi grad li ma kienx ghadu aktar jezisti;*

*46. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ippercepixxa s-somma ta' mija u tmint elef euro, (€108,000.00), bhala "contract buyout" mill-kuntratt precedenti in linea mal-istess ftehim settorjali fuq riferit, (ara foll 402);*

*47. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li l-bank intimat issa jdahhlu lura ghax-xoghol fi grad li kien jokkupa qabel il-ftehim tal-"buyout" fuq riferit;*

*Ikkunsidrat:*

*48. Illi in vista tal-premess jirrizulta li fl-operat tieghu l-bank intimat ma jirrizulta li ghamel xejn irregolari jew diskriminatorju fil-proceduri dixxiplinari li intraprenda fil-konfront tar-rikorrenti*";

3. L-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'rikors tal-appell li ressaq fil-21 ta' Diċembru, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex tħassarha għal kollox u "*tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut u minflok tilqa' t-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat*";

4. Il-bank imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "HSBC") laqa' għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnu fl-10 ta' Jannar, 2018, qal li s-sentenza appellata hija waħda tajba, raġunata u ġusta, u b'hekk talab lil din il-Qorti sabiex "*tiċħad l-aggravji tal-appellant*

*u tikkonferma d-deċiżjoni appellata ... bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant*";

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. B'din l-azzjoni l-appellant qiegħed jikkontesta s-siwi ta' proċeduri dixxiplinarji li nbdew kontrih minn HSBC wara li tilef bagalja mimlija dokumenti, fi żmien meta l-impjegati tal-istess Bank, fosthom l-appellant, kienu f'tilwima industrijali mal-istess Bank. Minbarra li qiegħed jargumenta li HSBC ma setax iniedi tali proċeduri kontrih, u dan għaliex bħala uffiċjal tal-'*Malta Union of Bank Employees'* (MUBE), huwa jgawdi mill-immunità taħt *"l-artikolu 63 et sequitur"* tal-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta'), l-appellant qiegħed jargumenta wkoll li, f'kull każ, il-bank ressaq dawn il-proċeduri kontrih b'mala fidi u bi ksur kemm tal-liġi kif ukoll tal-ftehim kollettiv. Fuq din ix-xilja, l-appellant qiegħed imbagħad jitlob lill-Qorti sabiex, fost l-oħrajn, tordna lill-Bank appellat iwaqqaf dawn il-proċeduri dixxiplinarji b'mod definit, kif ukoll li jdaħħlu lura "*fil-pożizzjoni li kellu, u bħal sħabu l-*

*impjegati fil-Private Clients Department*". Fuq l-istess premessi, l-appellant qiegħed ukoll jitlob lill-Qorti sabiex issib li, HSBC ikkaġunalu danni u biex, wara li tillikwida dawk id-danni, tordna lill-istess Bank biex iħallsu dawk id-danni hekk likwidati;

9. Wara li l-Ewwel Qorti sabet li l-immunità taħt l-Artikolu 63 tal-Kap 452 ma tgħoddx għall-inċident li wassal għal din it-tilwima, u li ma kien hemm xejn illegali jew irregolari fit-tnedija tal-proċeduri dixxiplinari kontrih, l-appellant qiegħed issa jressaq appell minn dik is-sentenza fuq l-aggravju li "*l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat kemm tal-fatti kemm tal-liġi u applikat il-liġi u l-prinċipji stabbiliti b'mod żbaljat*". L-argumenti ewlenin li qed jitressqu mill-appellant b'sostenn ta' dan l-aggravju, jistgħu fil-qosor jinġabru f'dan li ġej:

(i) li l-Ewwel Qorti ma ħaddmitx il-liġi sewwa għall-fatti tal-każ u dan meta waslet għall-fehma li hu ma jgawdix minn l-immunità taħt l-Artikolu 63 tal-Kap 452 dwar l-inċident tal-għejbien tal-bagalja bid-dokumenti;

(ii) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li huwa kiser xi regoli jew proċeduri tal-Bank meta ħareġ mill-bank bagalja b'informazzjoni dwar il-klijenti tal-bank;

(iii) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-lista tal-klijenti, li kienet fil-bagalja tiegħu u spiċċat intilfet flimkien ma' dik il-bagalja, kienet "informazzjoni sensittiva ħafna";

(iv) li l-bagalja għebet "b'mod inċidentali" u mhux b' "negliġenza grossa" u li l-Bank naqas milli jagħmel il-prova biex jiġġustifika t-tali akkuża;

(v) li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-mod diskriminatorju li bih il-Bank mexa miegħu u dan billi ressaq kontrih akkużi serji li "jwasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-bank";

(vi) li l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tapprezza dak li jsejjaħlu bħala 'l-veru motiv wara l-proċeduri dixxiplinarji', kif ukoll il-mala fidi tal-istess Bank, inkluż bil-mod ta' kif mexxa l-investigazzjoni kontrih u ġabar il-filmati mill-kameras tas-sigurtà (CCTV); u

(vii) li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta sabet li l-ftehim li ġie ffirmat bejn il-bank appellat u l-MUBE, f'April tas-sena 2013, wassal biex huwa tilef id-dritt li jippretendi li l-Bank jerġa' jdaħħlu lura għax-xogħol fil-grad li kien jokkupa qabel;

10. Peress li l-appellant qiegħed jisħaq li l-inċident tal-għejbien tal-bagalja ġara f'kuntest ta' tilwima industrijali bejn HSBC u l-MUBE, u li fil-

mument li fih tilef il-bagalja huwa mhux biss kien qed jobdi direttiva leġittima ta' dik il-'*union',* iżda wkoll kien qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala uffiċjal tal-istess *'union',* din il-Qorti tqis li jkun xieraq li, qabel xejn, tibda biex tistħarreġ dak l-ilment li bih l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li immunità taħt 'l-artikolu 63 *et sequitur*' tal-Kap 452, ma tgħoddx għaċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ;

11. Minbarra li jerġa' jistampa kelma b'kelma l-argumenti li diġà qajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[1], l-appellant qiegħed ifisser li bħala uffiċjal tal-MUBE huwa ma kellux jinżamm responsabbli "*għall-atti jew konsegwenzi li nqalgħu fil-kors ta' tilwima ta' xogħol jew biex din it-tilwima titmexxa 'l quddiem*". Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi li l-inċident li wassal għal din it-tilwima ma kienx 'konness' mal-azzjoni industrijali, meta fi kliemu: "*huwa evidenti li dak li ġara kienet 'disattenzjoni minn uffiċjal tal-union fil-kors ta' azzjoni industrijali, waqt li kien qed jobdi u jmexxi direttiva leġittima tal-union li l-bank konvenut jippretendi li kkaġonatlu ħsara*"*.* Skont l-appellant, huma proprju f'qagħdiet bħal dawn li l-liġi trid tagħti l-ħarsien u f'dan ir-rigward jirreferi għall-ġurisprudenza biex jisħaq li meta jseħħ inċident fil-kors ta' direttiva industrijali, dan għandu jkun imħares bl-immunità. Jissottometti wkoll li anke li kieku, għas-saħħa tal-argument, huwa tassew kiser xi proċeduri tal-Bank, HSBC xorta waħda ma setax jieħu proċeduri dixxiplinarji kontrih

[1] Paragrafi 12 sa 15 tar-rikors tal-appell huma riproduzzjoni ta' paragrafi 37 sa 40 tan-nota ta' sottomissjonijiet li tressqet mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, (fol. 540-542)

minħabba xi ksur ta' dawk ir-regoli jew ħsara lir-reputazzjoni tal-Bank, u dan għaliex dan kollu seħħ fil-kors ta' azzjoni industrijali;

12. Mill-banda l-oħra, HSBC jirribatti li l-appellant ma jistax jibqa' jinsisti li huwa kien igawdi l-ħarsien tal-liġi meta, fid-direttiva tagħha, l-MUBE ma tatu l-ebda struzzjonijiet sabiex joħroġ miegħu d-dokumenti b'informazzjoni privileġġjata dwar il-klijenti tal-Bank, liema tagħrif l-appellant spiċċa biex eventwalment nesa warajh u tilef flimkien mal-bagalja. HSBC qiegħed għalhekk jisħaq li m'hemm l-ebda rabta bejn l-inċident li wassal lill-Bank biex iniedi proċeduri dixxiplinarji kontra l-appellant u l-fatt li l-appellant kien fuq azzjoni industrijali meta spiċċa biex tilef il-bagalja bid-dokumenti;

13. Wara li qieset l-argumenti taż-żewġ partijiet, u dan fil-qafas tal-provi li tressqu fl-atti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-appellant jista' jsib xi kenn fl-Artikoli 63 jew 64 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Kuntrarjament għal dak li qed jippretendi l-appellant, mhux kull xorta ta' illegalità jew ħsara li titwettaq matul tilwima ta' xogħol hija mħarsa bl-immunità msemmija f'dawn l-artikoli. Ingredjent essenzjali u komuni f'dawn iż-żewġ artikoli huwa li l-għemil li minnu tirriżulta r-responsabbiltà, li f'ċirkustanzi oħra huwa sanzjonabbli, jrid sewwasew jitwettaq "*bi ħsieb ta' tilwima ta' xogħol*

*jew biex din it-tiwlima titmexxa 'il quddiem*" ("*in contemplation of or furtherance of a trade dispute*")[2];

14. F'dan il-każ, l-għemil li ġab lill-appellant f'baħar ta' għali ma kinitx l-azzjoni industrijali nnifisha, iżda l-fatt li huwa ħareġ mill-uffiċċju b'bagalja mimlija dokumenti b'tagħrif personali u sensittiv fuq il-klijenti tal-Bank, u agħar minn hekk spiċċa biex ħalliha warajh u tilifha. Biex l-appellant seta' jibda jistkenn taħt l-immunità, huwa kellu għalhekk, qabel xejn, ifisser kif u għaliex huwa ħareġ miegħu d-dokumenti li spiċċa biex eventwalment tilef u kif dan sar jew jista' jitqies li sar "*bi ħsieb ta' tilwima ta' xogħol jew biex din it-tilwima titmexxa 'il quddiem*"*.* Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, kollox juri li l-appellant ma ħariġx miegħu d-dokumenti li spiċċa biex tilef għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li joħorġu mil-liġi. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex, meta l-appellant ħareġ miegħu dawk id-dokumenti, it-tilwima ta' xogħol bejn l-MUBE u HSBC kienet diġà faqqgħet, tant li dik il-"*union*" kienet diġà ħarġet direttiva ta' azzjoni industrijali, u għalhekk l-appellant fi żgur ma jistax jgħid li huwa ħareġ dawk id-dokumenti bi ħsieb ta' tilwima ta' xogħol (*'in contemplation of a trade dispute'*). Wisq anqas ma jista' jingħad li l-appellant ħareġ miegħu dawk id-dokumenti fil-bagalja bil-għan li jmexxi 'l quddiem ('*in furtherance of*'), it-tilwima ta' xogħol li kien hemm fis-seħħ. Minbarra li l-MUBE ma tat l-ebda direttivi f'dan is-sens u l-appellant ħareġ miegħu dawk id-dokumenti minn jeddu, f'kull każ, mill-

[2] Sentenza partikolari li din il-Qorti daħlet fil-fond dwar it-tifsira ta' *"in contemplation of or in furtherance of a trade dispute"* hija dik fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Freeport Terminal (Malta) p.l.c. v. Union Ħaddiema Magħqudin,*** deċiża fit-30 ta' Mejju 2001 (App. Ċiv. 93/1998AJM).

provi jirriżulta fiċ-ċar li, oriġinarjament, l-appellant lanqas biss ma kien jaf li ħareġ miegħu dik il-bagalja b'dawk id-dokumenti, u li kien mingħalih li ħalliha warajh fil-kabinett tal-uffiċċju. Fil-fatt, meta ġie biex jgħarraf lis-superjuri tiegħu dwar dan l-inċident, l-appellant kien għall-bidu stqarr li:

> "*I would like to formally bring to your attention that* ***on my return to work yesterday morning, I have realised that my personal work case/bag containing confidential customer information was missing****.*
>
> ***<u>I am confident that I had left said bag in the office cabinet</u>****. The cabinet is located in our Department and as soon as I returned to wok from a long absence of nearly 3 weeks I did not find the case in said cabinet. when I went back home I have also thoroughly searched the bag in my own residence with no success*"[3];

15. Kif ingħad minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Freeport Terminal (Malta) p.l.c. v. Union Ħaddiema Magħqudin***[4], l-immunitajiet maħsuba fil-liġi tar-relazzjonijiet industrijali ma jistgħux jiġu applikati lil hinn mill-parametri preċiżi stabbiliti mil-leġislatur, u dan propju għaliex: "*[a]ltrimenti tinħoloq sitwazzjoni inikwa li fiha s-saltna tad-dritt ma tkunx tapplika l-istess għal kulħadd. U dan mhux eċċezzjonalment biex jiġu tutelati l-interessi leġittimi ta' min hu dgħajjef meta hekk kien hemm bżonn, imma biex tingħata saħħa indebita fejn din ma kienetx meħtieġa f'soċjetà demokratika. Kulħadd kellu allura jkun responsabbli għal għemilu u jaġixxi fil-limiti konsentiti lilu bil-liġi. Altrimenti kulħadd kellu wkoll jirrispondi quddiem il-liġi fejn dawn il-limiti*

[3] Estratt minn *e-mail* mibgħut mir-rikorrent fil-12 ta' Ottubru, 2012, (fol 108). Ara wkoll f'dan is-sens ix-xhieda ta' Malcom Spiteri li jirrakkonta kif l-appellant kien qallu li kien ħalla l-bagalja fil-*cabinet* tal-uffiċju. (fol 442).
[4] Deċiża fit-**30 ta' Mejju, 2001** (App. Ċiv. 93/1998AJM).

*jinqabżu*."  Ġaladarba li l-appellant ma ssodisfax il-vot tal-liġi, u sewwasew li huwa ħa dik il-bagalja bid-dokumenti bi ħsieb ta' tiwlima ta' xogħol jew biex din it-tilwima titmexxa 'l quddiem, l-appellant ma jistax għalhekk jippretendi li huwa m'għandux iwieġeb għal għemilu taħt il-mantell tal-immunità;

16. L-ilmenti tal-appellant taħt ir-ras '*immunità*' qegħdin għalhekk jiġu miċħuda;

17. Stabbilit li l-inċident li wassal għal din it-tilwima ma jikkwalifikax għall-immunità legali pretiża mill-appellant, imiss issa lil din il-Qorti li tidħol fil-qalba ta' din it-tilwima u tistħarreġ jekk, qabel xejn, l-appellant għandux raġun li jisħaq li huwa ma kiser l-ebda regoli jew proċeduri ta' HSBC u li, min-natura tagħha, l-informazzjoni li tilef ma kinitx "sensittiva ħafna" u ta' riskju kbir [5];

18. Fuq dan l-aspett, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet li huwa kiser xi dispożizzjonijiet tal-manwali jew xi direttivi maħruġa minn HSBC.  B'mod speċifiku jgħid li r-regola 'li donnha straħet fuqha' l-Ewwel Qorti u li semmiet f'paragrafu 17 tas-sentenza appellata ma tapplikax għalih u dan għaliex, fl-istruttura tal-Bank, huwa ma kellux xi rwol fit-tmexxija tad-dipartiment.  Jissottometti li fil-każ tiegħu "*huma*

[5] Fir-rikors tal-appell, dawn l-ilmenti huma misjuba taħt l-irjus: *"Ebda Ksur tar-Regoli jew Proċeduri", u "Informazzjoni Mitlufa".*

*applikabbli l-proċeduri B.10.1.6 'Secure use of physical information*" li, fi kliemu stess, "*dawn jipprovdu li:* ***[o]nly the minimum amount of physcial information required to fulfil a business need should be taken outside of HSBC secured premises***". Jispjega li, minn din id-dispożizzjoni, jirriżulta li mhuwiex projbit b'mod assolut li jinħareġ minn impjegat tagħrif mill-Bank dwar klijenti tiegħu, u jfakkar li, f'kull każ, il-Bank ma ħariġlu l-ebda '*charge*' f'dan is-sens. Filwaqt li jfisser li l-bank ma ressaq l-ebda prova li huwa ħareġ mill-*'HSBC Secured premises'* b'tagħrif ipprojbit, l-appellant iżid li huwa qiegħed iħossu wkoll aggravat 'bil-fatt' ta' kif l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies 'tad-diversi provi mressqa minnu', fosthom l-affidavit u l-minuti li ġew iffirmati minn sħabu l-'*private client managers*'*.* Skont l-appellant, minn dawn l-provi jirriżulta li kienet proċedura komuni u prattika magħrufa mas-superjuri tiegħu li huwa u sħabu kienu joħorġu magħhom mill-post tax-xogħol it-tagħrif dwar il-klijenti tagħhom. Jgħid li fil-prattika, huwa u l-kollegi tiegħu kien ikollhom iġorru t-tagħrif meħtieġ biex setgħu jagħmlu sewwa xogħolhom fl-irwol li kellhom li jżuru l-klijenti tagħhom, u f'dan is-sens jissottometti li huwa bilfors ried ikollu fil-basket tiegħu 'informazzjoni bażika dwar il-klijenti li jkun ser iżur dakinhar jew l-għada', kif ukoll tal-lista tal-klijenti bid-dettalji dwar fejn seta' jikkuntattjahom. L-appellant għalhekk jinsisti li l-għemil tiegħu, li kkonsista fil-ħruġ tal-lista tal-klijenti tiegħu miegħu, 'bħalma fil-fatt kien jagħmel id-dipartiment kollu', ma kienx xi għemil li ma kienx permess, u f'kull każ ma kienx għemil ipprojbit b'mod assolut;

19. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-kwalità ta' tagħrif li kien jinsab fid-dokumenti li ġarr miegħu fil-bagalja, l-appellant jisħaq li l-lista ta' klijenti li kellu fuqu ma kinitx tikkwalifika bħala 'informazzjoni sensittiva ħafna'. Biex isaħħaħ dan, jirreferi għall-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, (l-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta[6]) u jissottometti li f'dik il-liġi, l-lista tal-klijenti ma tikkwalifikax bħala "data personali sensittiva". Fost l-oħrajn, jgħid ukoll li HSBC ma kienx iqis dik it-tip ta'informazzjoni bħala 'waħda serja' u 'ta' riskju kbir', u jgħid li wieħed mis-superjuri tiegħu kien saħansitra qies dak it-tagħrif bħala "*static data which in itself is not a high risk*";

20. Kif tifhimha din il-Qorti, l-punt li wieħed irid jitlaq minnu biex jiġu mistħarrġa dawn l-ilmenti huwa billi, qabel xejn, naraw x'kienu sewwasew id-dokumenti li kien hemm fil-bagalja tal-appellant meta għosfrot. F'dan ir-rigward, mill-provi jirriżulta li d-dokumenti li ntilfu kienu dawn:[7]

(i) id-djarju tal-appellant li seta' kien fih, '*HUB screen dumps*' u dettalji tal-klijenti bħal ismijiet, in-numri tal-karti tal-identità, u l-ammonti li kellhom jiġu nvestiti mill-klijenti;

---

[6] Illum il-ġurnata daħal minfloku l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap 586)

[7] Ara f'dan is-sens: (i) it-traskrizzjoni ta' xhieda tal-appellant, mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar, 2014, (fol 28); (ii) il-minuti tal-intervista li saret lill-appellant mill-Bank bħala parti mill-investigazzjoni dwaru, (fol 113 u fol 119 rispettivament); u (iii) l-*e-mail* li ntbagħtet mill-appellant stess fit-12 ta' Ottubru, 2012, u li biha nforma lill-Bank dwar l-inċident, (fol. 108).

(ii) lista ta' madwar 250 klijent li kienet tinkludi: l-isem, l-indirizz, in-numru tal-karta tal-identità u n-numru tal-klijent; u

(iii) xi *'referral sheets'* (GIFs),

21. Il-pass li jmiss huwa mbagħad li naraw sewwasew x'tgħid '*policy B.10.1.6*' li l-appellant stess qed jistqarr li tgħodd għalih u għall-kollegi tiegħu. Hawnhekk, ta' min jgħid li din il-*'policy'* ma tikkonsistix biss f'dak li l-appellant niżżel fir-rikors tal-appell, iżda b'mod partikolari nsibu fiha wkoll dan li ġej: -

> "*Policy:*
>
> *Internal, Restricted and Highly Restricted Information in a physical format* ***must be used securely.***
>
> *...*
>
> *Application:*
>
> ***For the purpose of this policy, physical information is defined as any information that is in a physical, non-electronic format (Eg. papers, files and notepads)****. Aspects of this policy apply to verbal information and information that can be displayed in a public location where it could be compromised.*
>
> *The use of information poses a broad range of potential risks that need to be manged in order to prevent it from being compromised. This is particularly important when the information is being handled outside of HSBC secured premises.*
>
> *...*
>
> ***Employees must exercise caution when taking Internal, Restricted and Highly Restricted physical information away from HSBC secured premises. Only the minimum amount of physical***

> ***information required to fulfil a business need should be taken outside of HSBC secured premises**.*"[8];

22. Ta' relevanza għall-finijiet tal-ilmenti tal-appellant huwa wkoll id-dokument imsemmi '*Data Privacy and Information Security' HBMT Guidelines Oct 2010*'[9] li, fost l-oħrajn, jgħid li: "*[e]ach member of staff has a responsibility to ensure that the information they process is kept safe, that appropriate security controls are applied, and HSBC policies and legal requirements are fully complied with*"*.* Fl-istess dokument ikompli jiġi spjegat li skont il-'*policies*' tal-bank, "*Information is classified into four categories: 1. Public, 2. Internal, 3. Restricted, 4. Highly Restricted.*"*.* Dawn il-kategoriji huma mbagħad imfissra hekk:

> "*Internal information:*
>
> - *What it is: Information that poses a minor risk but is generally available to all personnel*
> -
> - *Examples: Corporate policies and organisational charts work addresses work phone numbers and work emails"*
> -
> - *...*
> -
>
> *Restricted Information:*
>
> - *What it is: Information that poses a moderate to Major risk and is available only to those who need to know*
> -
> - ***Examples: All personal information pertaining to customers**, consumers, shareholders and employees, operational budgets, budget plants, locations of sensitive infrastructure and assets*
> -
> - ***Threat potential: Moderate to Major. If it were lost, corrupted or disclosed, it is likely to result in regulatory / legal action, financial loss or damage to HSBC, its customers or related parties and impact reputation and business capability***

[8] Estratt minn 'Dok HSBC2', fol. 15.

[9] Ara 'Dok HSBC4', fol 18 sa 55.

-
- *Protection needed: Exercise caution if lost or stolen Immediately report it to your line manager and ISR.*
-
- ***The default category is RESTRICTED and all information must be handled accordingly, if it is not identified as belonging to another category***
-
*Highly Restricted Information:*

- *What it is: Information that poses a massive risk and is available only to authorised employees.*
-
- *Examples: Merger and acquisition details (prior to disclosure) office/site closures, personal identification numbers (PINs) cryptographic keys and card verification value code (CVV or CVC)*

- *Threat potential: Massive. It is highly likely to result in regulatory / legal action, financial loss or damage to HSBC its customers or related parties and impact reputation or business capability*
-
- *Protection Needed: Extensive caution if lost or stolen. Immediately report it to your line manager and ISR."*[10];

23. Bi tħaddim ta' dan kollu fil-qafas tal-ilmenti tal-appellant, din il-Qorti jidhrilha li, f'dan il-każ, l-appellant ma jista' qatt jargumenta b'suċċess li huwa ma kiser l-ebda regoli jew proċeduri ta' HSBC meta dakinhar tal-azzjoni industrijali, ħareġ miegħu d-dokumenti li spiċċaw intilfu flimkien mal-bagalja;

24. Ġaladarba li d-dokumenti li kien hemm fil-bagalja kienu jinkludu tagħrif personali tal-klijenti, dik l-għamla ta' tagħrif jikkwalifika bħala '<u>informazzjoni ristretta</u>'[11], u għalhekk kienet sewwasew taqa' fil-parametri ta' *'policy B.10.1.6'.* Skont din il-*policy*, l-appellant, bħala impjegat tal-

[10] Extratt minn 'Dok HSBC4', fol 31-32.
[11] Ara wkoll f'dan is-sens il-konklużjonijiet tar-rapport '*Fraud & Investigations – SFR Europe Investigation Report – 31 Ott 2012',* ('Dok. HSBC 2', fol 102).

Bank, kien marbut li juża l-kawtela u joħroġ miegħu biss il-minimu ta' tagħrif li kellu bżonn sabiex iwettaq xi 'ħtieġa tan-negozju';

25. Għalkemm l-appellant qiegħed jipprova jgħatti xturu billi jisħaq li d-dokumentazzjoni li ħareġ miegħu fil-bagalja kienet essenzjali sabiex iwettaq dmirijietu, f'dan il-każ jirriżulta ppruvat li l-appellant ħareġ miegħu dawk id-dokumenti huwa u ħiereġ minn fuq il-lant tax-xogħol fuq azzjoni industrijali għal żmien mhux definit, u mhux fuq xi 'ħtieġa tan-negozju'. Minbarra li ma huwa probabbli xejn li l-appellant kien ser jiltaqa' ma' xi klijent tal-Bank 'dakinhar jew l-għada' fl-istess waqt li kien qed jobdi direttivi ta' azzjoni industrijali, kif tifhimha din il-Qorti, li kieku l-appellant kien tassew ser jiltaqa' ma' xi klijenti bħalma qed itenni fir-rikors tal-appell, dan kien jinduna li tilef il-bagalja mal-ewwel, u mhux jinduna biss b'dak li ġara wara li reġa' lura għax-xogħol wara li ntemmet l-azzjoni industrijali. Hekk ukoll, li kieku l-appellant tassew ħareġ miegħu dawk id-dokumenti bil-għan li jwettaq xi 'ħtieġa tan-negozju', l-appellant minn tal-inqas kien ikun ftakar li ħareġ mill-uffiċċju tiegħu b'dawk id-dokumenti ġol-bagalja, u huwa wisq improbabbli li kien ser ikun 'kunfidenti' li ħalla dik il-bagalja fil-kabinett tal-uffiċċju[12]: tant li meta ġie biex jirritorna lura għax-xogħol huwa jirrakkonta li lanqas imqar biss fittex il-bagalja ġewwa d-dar tiegħu[13]. Kull argument tal-appellant li huwa ħareġ id-dokumentazzjoni b'tagħrif ristrett b'xi għan speċifiku jirriżulta għalhekk mhux biss infondat iżda saħansitra

[12] Ara nota 7 tal-§ 21 *supra*.
[13] Ara b'mod partikolari l-minuti tal-intervista li saret lill-appellant mill-Bank bħala parti mill-investigazzjoni dwaru, fol 113-115 u fol 119-120 rispettivament.

kontradett mill-għemil tal-appellant innifsu, u din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax toqgħod fuq din il-verżjoni;

26. Lanqas mhuwa ta' fejda l-argument tal-appellant li l-kollegi tiegħu li kienu wkoll fil-grad ta' '*private client managers*' kienu jagħmlu l-istess bħalu. Ġaladarba li huwa stess kien jaf li '*policy B.10.1.6*' tgħodd għalih, huwa kien marbut li jimxi ma' dik il-proċedura u dan irrispettivament minn x'kienu jagħmlu sħabu li kienu jaħdmu fl-istess dipartiment tiegħu. F'kull każ, il-fatt waħdieni li l-Ewwel Qorti m'għamlitx riferenza għall-affidavit u l-minuti li ġew iffirmati mill-kollegi tiegħu, lanqas ma jfisser li dik il-Qorti ma qisithomx;

27. Anke però li kieku stess, din il-Qorti kellha, għas-saħħa tal-argument, taqbel mal-appellant meta qed jgħid li huwa ma kiser l-ebda proċeduri jew regolamenti tal-Bank meta ġie biex joħroġ l-informazzjoni li kellu fil-bagalja, jibqa' xorta waħda l-fatt li, fil-każ tiegħu, l-appellant spiċċa biex tilef id-dokumenti li ħareġ miegħu u għalhekk, f'kull każ, huwa naqas milli jżomm dak it-tagħrif b'mod sigur kif mitlub mill-istess '*policy B.10.1.6*', u l-linji-gwida tal-Bank dwar il-privatezza tad-*data* u s-sigurtà tal-informazzjoni. F'kuntest bħal dan, l-appellant ma jista' qatt għalhekk jargumenta b'suċċess li huwa ma kiser l-ebda regola jew proċedura tal-Bank;

28. Marbut sfiq ma' dan, l-appellant lanqas ma qed ikun korrett meta qed jgħid li l-Bank ma ħariġlu l-ebda xilja fil-kuntest tal-ksur ta' '*policy B.10.1.6*'. Minn ħarsa lejn l-ittra datata 2 ta' Novembru, 2012, u msemmija '*Letter of Charge*', joħroġ ċar li l-appellant ġie fost l-oħrajn mixli li: *"[y]ou have seriously breached Information Security Procedures",* u li *"[y]ou have been grossly negligent in your duties <u>by taking a significant amount of customer data out of the Bank</u> <u>when there was no specific business reason, at a time when you did not need it and failed to take appropriate action to protect that data</u>"*[14]. Fil-fehma tal-Qorti, l-kliem ta' dawn ix-xiljiet jirrifletti l-kliem użat f'"*policy B.10.1.6*",[15] u għalhekk l-appellant lanqas ma jista' b'xi mod jew ieħor jistkenn b'dan l-argument;

29. Lanqas m'huma siewja l-ilmenti tal-appellant sa fejn qed jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis il-lista ta' klijenti li ntilfet bħala 'informazzjoni sensittiva ħafna' jew inkella li naqset milli tqis li HSBC ma kienx jikkunsidra tagħrif bħal dak bħala wieħed serju u ta' riskju għoli. Dak li jgħodd f'dan il-każ m'hijiex id-definizzjoni ta' "*data personali sensittiva*" skond l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (kif kien fis-seħħ dak iż-żmien), iżda sewwasew kif kien jikklassifika dak it-tagħrif għall-għanijiet tal-'*policies*' tal-Bank. Kif rajna, t-tagħrif li tilef l-appellant, li kien imur lil hinn mil-'listi ta' klijenti' li qed isemmi[16], jaqa' fil-kategorija ta' '*restricted data*', li skont il-linji- gwida tal-Bank dwar il-privatezza tad-*data* u s-sigurtà tal-

[14] Ara 'Dok HSBC1' '*Letter of Charge'* maħruġa mill-bank appellat kontra l-appellant, fol 9.
[15] Ara paragrafu 21 għal estratt minn din il-*policy*.
[16] Ara paragrafu 20 ta' din is-sentenza.

informazzjoni, iġġib magħha riskji ‘moderati għal maġġuri’. Ir-raġuni wara dan il-livell għoli ta’ riskju hija wkoll imfissra fl-istess linji-gwida fejn jingħad li: “*[i]f it were lost, corrupted or disclosed, it is likely to result in regulatory / legal action, financial loss or damage to HSBC, its customers or related parties and impact reputation and business capability*”[17];

30. Hekk ukoll, l-appellant lanqas ma qed ikun korrett meta jgħid li Gregory Inglott, li kien wieħed mis-superjuri tiegħu, ma qiesx il-lista ta’ klijenti bħala informazzjoni sensittiva ħafna. Minn ‘*e-mail*’ li ntbagħtet minn Inglott lill-appellant u dan sewwasew ftit tal-minuti wara li l-appellant għarraf lill-Bank li kien intebaħ bl-għejbien tal-bagalja, Inglott mhux biss staqsih: “*Why was a client list held in your bag when you are aware that this is sensitive and reputationally sensitive information?*”, iżda wkoll għalaq billi fissirlu li s-sitwazzjoni titqies bħala waħda ta’ riskju għoli: “*This is a high risk situation*”[18]. Ma jistax għalhekk jingħad li HSBC ma qiesx l-informazzjoni li ntilfet bħala waħda ta’ natura serja jew mhux sensittiva, u konsegwentement anke dan l-ilment ma jirriżultax li huwa mistħoqq;

31. L-ilmenti tal-appellant taħt l-irjus *‘ebda ksur tar-regoli jew proċeduri tal-bank’*, u *‘informazzjoni mitlufa’* qegħdin għalhekk jiġu miċħuda;

---

[17] Ara Dok HSBC4, fol.32.
[18] Fol 107-108.

32. Ilment ieħor tal-appellant huwa mbagħad fis-sens li HSBC naqas milli jipprova li kien ġustifikat li jixlih b'negliġenza kbira[19]. F'dan ir-rigward, jissottometti li l-bagalja għebet b'mod 'inċidentali' u 'mhux b'negliġenza kbira' kif qed isostni HSBC. Jgħid li huwa ħalla l-bagalja fil-garaxx tal-bank ħdejn il-karozza tiegħu 'aċċidentalment' u dan f'ċirkustanzi li fihom kien mifxul ħafna għaliex huwa u sħabu kienu qed jiġu mhedda li, jekk kienu ser jobdu d-direttivi tal-MUBE, huma kienu ser jispiċċaw ħażin tant li kienu ser jitkeċċew minn xogħolhom. Jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza li huwa ħalla l-bagalja ġewwa l-garaxx li huwa proprjetà fil-pussess tal-Bank, li huwa mgħammar bis-CCTV, *'electronic barrier',* kif ukoll imħares minn uffiċjali tas-sigurtà. F'dan is-sens, jargumenta li ma nġabet l-ebda prova li huwa ħareġ bil-bagalja 'l barra mill-bini tal-Bank, u għalhekk jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li huwa ħareġ bil-lista tal-klijenti 'l barra mill-bini tal-Bank. Filwaqt li jirreferi għall-filmati tal-*cameras* tas-sigurtà, jilmenta li l-Ewwel Qorti 'ħarbilha' għal kollox il-fatt li l-Bank naqas milli jressaq prova tal-filmati ta' x'ġara wara li ħalla l-bagalja fil-ġenb tal-karozza. F'dan is-sens jilmenta wkoll li ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti ma qisitx li kien 'ferm stramb' kif il-Bank żamm biss dik il-parti tal-filmat tal-*cameras* tas-sigurtà fejn "jidher iħalli l-bagalja fil-garaxx", u mbagħad ma żamm l-ebda filmati ta' x'ġara wara li ħalla l-bagalja fil-garaxx;

---

[19] Fir-rikors tal-appell, dan l-ilment jinsab taħt l-irjus '*Għejbien tal-Bagalja*' u '*Is-CCTV*'

33. Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-ilmenti ma jistgħu jwasslu lill-appellant imkien. Dak li huwa determinanti għall-għanijiet ta' din il-kawża, ma kienx jekk hemmx provi biżżejjed biex l-appellant jinstab ħati tax-xiljiet li tressqu kontrih mill-Bank appellat, iżda li tistħarreġ jekk il-Bank appellat bediex dawn il-proċeduri dixxiplinarji kontrih b'mod abbużiv, u sewwasew b'mala fidi, bi ksur tal-liġi jew inkella bi ksur tal-ftehim kollettiv. Jekk kellux jiġi skużat għax tilef il-bagalja mhijiex ħaġa li kellha tiddeċiedi l-Ewwel Qorti jew li għandha tiddeċiedi din il-Qorti, iżda hija kwestjoni li kellu jiddeċiedi l-Bord tad-Dixxiplina li nħatar apposta mill-Bank appellat. Il-kritika tal-appellant lejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti f'dan is-sens mhijiex għalhekk mistħoqqa;

34. F'kull każ, lanqas ma jiswew l-insistenzi tal-appellant li huwa ħalla l-bagalja f'garaxx li kien 'fil-kontroll' tal-Bank u li għalhekk huwa ma ħariġx il-bagalja bit-tagħrif 'il barra mill-bini tal-Bank. L-ewwelnett, u b'kuntrast ma' dak li qed jgħid l-appellant, m'hemm l-ebda filmat li juri lill-appellant "iħalli l-bagalja fil-garaxx"[20]. Mill-filmati tal-*cameras* tas-sigurtà li jinsabu fl-atti, tidher biss il-parti ta' quddiem tal-karozza tal-appellant. Dak li jirriżulta biċ-ċert huwa biss li l-appellant resaq lejn in-naħa tal-lemin tal-karozza tiegħu bil-bagalja in kwistjoni u b'basket tal-karti, u mbagħad telaq miexi minn dik l-istess naħa tal-karozza b'basket tal-'*gym*'[21]. Minn dak li jidher mill-imsemmi filmat, daqskemm l-appellant seta' ħalla l-

[20] Ara x-xhieda ta' Malcom Spiteri, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, fol. 443.
[21] Ara l-filmat '11.01cam7.avi' mill-ħin bejn 11:02:18 sa 11:02:32. (Dok MS1, fol 398).

bagalja fl-art fil-garaxx, daqstant ieħor seta' tefa' dik il-bagalja ġewwa l-karozza tiegħu u tilifha x'imkien ieħor;

35. Anke però li kieku stess wieħed kellu joqgħod mat-teżi tal-appellant u ċioè li huwa ħalla l-bagalja fl-art tal-garaxx, fih innifsu, dan il-fatt ma jista' jkun tal-ebda fejda għalih. Dak li jgħodd huwa li l-appellant kien qed iġorr miegħu dokumenti sensittivi għalxejn b'xejn u li agħar minn hekk spiċċa biex tilifhom flimkien mal-bagalja. Fiha nfisha, din kienet raġuni tajba biex HSBC kellu fuqiex jibda proċeduri dixxiplinarji kontrih;

36. F'kull każ, lanqas ma jista' jingħad li ġie ppruvat li l-garaxx li fih l-appellant qed jgħid li ħalla l-bagalja kien 'fil-pussess u l-kontroll assolut tal-bank appellat'. Mill-provi jirriżulta li dak il-garaxx ma kienx mikri kollu lil HSBC[22], tant li f'dak il-garaxx kienu jipparkjaw ukoll karozzi ta' terzi li ma kinux involuti ma' jew impjegati ta' HSBC[23]. Irriżulta wkoll li l-*cameras* tas-sigurtà ma kinux ikkontrollati minn HSBC, iżda minn kumpanija tas-sigurtà li kienet imqabbda mit-terz li kien is-sid ta' dak il-garaxx[24]. Dawn il-ħwejjeġ kollha jixhdu li l-appellant ma setax jgħabbi lil HSBC b'xi sura ta' ħtija għal dak li minn rajh wettaq b'idejh;

---

[22] Ara x-xhieda ta' Mark Drago, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fid-9 ta' April, 2014, fol 388.
[23] Ara x-xhieda ta' John Bezzina, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-6 ta' Ġunju, 2013, fol. 90.
[24] Ara x-xhieda ta' Malcom Spiteri, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, fol. 443.

37. Mhux inqas infondati huma l-ilmenti tal-appellant li l-Ewwel Qorti 'naqset' milli tqis kif HSBC ma ressaqx il-filmat sħiħ ta' x'ġara bejn il-ħin li telaq minn ħdejn il-karozza tiegħu b'basket tal-'*gym*' u l-ħin li mar lura lejn il-karozza tiegħu għall-ħabta tal-ħamsa u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar. Qabel xejn, l-appellant imissu jżomm quddiem għajnejh li din il-kawża hija tiegħu, u jekk huwa xtaq li titressaq din il-prova, kien messu talabha, u mhux qagħad jistenna li din il-prova ssir mill-Bank appellat[25]. F'kull każ, din il-Qorti ma jidhrilhiex li tali prova kienet meħtieġa u dan għaliex f'dan il-każ, Malcom Spiteri, il-*manager* responsabbli mis-sigurtà fl-istess Bank, fisser kemm-il darba, anke fil-kontroeżami, li huwa ra l-filmat sħiħ għal darba darbtejn, u li minn dak il-filmat ma deher ħadd riesaq lejn il-karozza tal-appellant minn x'ħin telaq minn biswit il-karozza tiegħu sakemm raġa' mar lura ħdejha xi sitt sigħat u nofs wara[26]. Tali xhieda mhux biss baqgħet mhux kontradetta iżda saħansitra hija msaħħa b'kopja ta' '*e-mail*' li kienet intbagħtet mill-istess xhud lil wieħed Mark Drago fis-16 ta' Ottubru, 2012, u li fiha kien kiteb hekk:

> "*Mark,*
>
> *With reference to the current investigation, I have viewed the CCTV at the Tumas building pertaining to the 24th September **<u>between 11 am and 5.24pm</u>**.*
>
> *Mark Muscat's vehicle is seen parked underneath camera number 6 however between 11.02am and 5.24pm, **<u>no suspicious movements were noticed around his vehicle</u>**. The SUV parked next to his BMW leaves the garage at 4.07pm however the driver at no time stops near Marks BMW or moves towards the rear of this vehicle.*

---

[25] Ara f'dan is-sens, l-Artikolu 562 tal-Kap 12

[26] Ara x-xhieda u l-kontro-eżami ta' Malcom Spiteri, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, fol. 443 - 444. Ara wkoll il-kontroeżami ta' Malcom Spiteri li sar waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2015, fol. 454.

*I can confirm that from this footage no suspicious acts were visible during this time window.*"[27];

38. Sfiq ma' dan huwa wkoll rilevanti l-fatt li l-istess Malcom Spiteri, li kien involut direttament fil-ġbir ta' dawk il-filmati, ressaq ukoll spjegazzjoni siewja għalfejn HSBC ma żammx dawk is-sigħat kollha ta' filmat u niżżel biss il-partijiet li dehru li kienu relevanti għall-każ. F'dan ir-rigward, Spiteri spjega kif is-sistema tal-*cameras* tas-sigurtà, "*kienet tiddawnlowdja ħames minuti u ħames minuti*" u li meta nġabru l-filmati huma ħadu l-pariri tat-"*techician*" tas-sistema, li ma kinitx sistema tal-Bank, iżda ta' terz li kien imqabbad minn sid il-garaxx[28]. L-istess xhud għamilha wkoll ċara li l-filmati oriġinali ma tħassrux minn fuq dik is-sistema, u li l-filmati tniżżlu mit-tekniċi tal-appaltatur tas-sid tal-garaxxijiet mingħajr ma ġew editjati jew b'xi mod imbagħbsa[29]. Lanqas ma jista' għalhekk jingħad li HSBC mexa b'xi mala fidi mal-appellant, bil-mod ta' kif mexa meta ġie biex ġabar il-filmati mill-*cameras* tas-sigurtà;

39. L-ilmenti tal-appellant taħt l-irjus '*għejbien tal-bagalja*' u '*s-CCTV*' qegħdin għalhekk jiġu miċħuda wkoll;

[27] fol 111. (enfasi miżjuda mill-Qorti).
[28] Ara x-xhieda ta' Malcom Spiteri, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, fol. 443.
[29] Ara l-kontroeżami ta' Malcom Spiteri, li sar quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta ta' Marzu, 2015, fol. 444.

40. Ilment ieħor tal-appellant huwa mbagħad fis-sens li l-Ewwel Qorti "*naqset li tapprezza l-mod diskriminatorju u in mala fede kif il-bank mexa*" fil-konfront tiegħu[30]. Skont l-appellant, dawn joħorġu ċari mill-mod ta' kif HSBC mexxa kontrih b'xiljiet serji 'li jwasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-bank'. F'dan is-sens jerġa' jtenni li oriġinarjament Gregory Inglott kien qies l-informazzjoni li kellu fil-basket bħala waħda li ma kinitx ta' riskju għoli, iżda wara l-intervent ta' Paul Steel, dan biddel id-diska u beda jqis l-inċident bħala wieħed serjissimu u li ħoloq riskju lill-klijenti tal-Bank għaliex setgħu jiġu ffrodati. Skont l-appellant, din il-bidla fl-imġieba ta' Inglott turi kif dan kien diġà qed jipprepara biex jiġġustifika t-tkeċċija tiegħu minn mal-Bank u b'hekk il-Bank seta' 'jeħles' minn mas-saqajn minn uffiċjal tal-MUBE li kien jieħu rwol attiv ħafna fejn jidħlu l-jeddijiet tal-impjegati, u b'mod partikolari dawk fit-taqsima tal-"*wealth management*". L-appellant iżid li tant kemm diġà kienet ittieħdet id-deċiżjoni li kellu jitkeċċa bil-proċess dixxiplinarju, li l-Bank kien saħansitra diġà ħadlu l-klijenti 'tiegħu' b'mod 'permanenti' u qassamhom lill-kollegi tiegħu. B'rabta ma' dan, jirreferi għax-xhieda ta' Gregory Inglott, u jgħid li għalkemm dan xehed li din il-miżura kienet waħda temporanja, id-dokument li ġie mressaq minnu f'paġna 317 tal-proċess tgiddbu u turi kif il-ħsieb kien li l-arranġament kien wieħed permanenti;

[30] Fir-rikors tal-appell, dan l-ilment jinsab taħt ir-ras *'Diskriminazzjoni'*.

41. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni, l-appellant jerġa' jsemmi l-każ ta' Phyllis Bajada Abram u jgħid li l-punt kollu mhuwiex li din insterqet, iżda li hija kienet ħarġet tagħrif barra mill-Bank u li, b'differenza mill-każ tiegħu, il-Bank ma deherlux li kellu jieħu passi kontriha. F'dan is-sens jisħaq li fil-każ tiegħu lanqas ma kellhom jittieħdu passi għaliex huwa mexa fuq l-istess proċedura li mxiet Bajada Abram u għalhekk ir-raġuni għalfejn il-Bank mexxa kontrih bil-proċeduri dixxiplinari ma kinitx għax kiser xi proċedura tal-Bank, iżda għaliex il-Bank ried jinqeda bl-inċident biex ikeċċih. L-appellant iżid li l-istess diskriminazzjoni kontrih toħroġ ukoll ċara mill-fatt ta' kif il-Bank ma ħa l-ebda passi dixxiplinari kontra l-kollegi tiegħu li, fi kliemu, kisru l-istess proċeduri li l-Bank xlih bihom. Jgħid ukoll li filwaqt li l-Bank ma mexxiex kontra dawn minħabba l-ftehim li ġie ffirmat magħhom f'April 2013, fil-każ tiegħu l-Bank baqa' jisħaq li jibqa' jmexxi bil-passi dixxiplinari kontrih biss u żamm din il-pożizzjoni mill-inqas sa tliet snin wara, meta mbagħad fis-sena 2016 iddeċieda 'li jaħfirlu', u dan hekk kif din il-kawża kienet waslet għall-aħħar quddiem l-Ewwel Qorti. Sfiq ma' dan, l-appellant jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib li huwa kien marbut b'dak il-ftehim, meta fl-istess waqt tgħid li huwa ma ġiex diskriminat b'dak il-ftehim meta l-Bank għażel li jibqa' jmexxi bi proċeduri dixxiplinari kontrih biss. L-appellant jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti lanqas ma qieset li l-Bank, 'b'mod diskriminatorju għall-aħħar' la ssospenda u lanqas għadda lil Gregory Inglott u lil Ian Casingena minn proċeduri dixxiplinari,

u dan minkejja li f'investigazzjoni ta' Mark Drago, dan kien 'irrakkomanda' li kellhom jinbdew proċeduri dixxiplinari kontra dawn ukoll;

42. Wara li qieset dawn l-ilmenti fid-dawl tal-provi kollha li tressqu fl-atti kif ukoll fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li ġew mogħtija fis-sentenza appellata, din il-Qorti jidhrilha li anke dawn l-ilmenti huma manifestament infondati u mhux mistħoqqa;

43. L-ewwel nett, u sa fejn l-appellant qiegħed jirreferi għat-'tibdil' fl-imġieba ta' Inglott, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant qiegħed ikun selettiv ħafna f'dak li qed jgħid, tant li qed jiskarta għal kollox il-fatt li mill-provi dokumentarji li hemm fl-atti, jirriżulta kif l-ewwel reazzjoni ta' Inglott kienet ferm differenti minn kif qed jipprova jpinġiha l-appellant. F'dan ir-rigward, diġà ġie osservat aktar kmieni, li għall-kuntrarju għal dak li qed jgħid l-appellant, l-ewwel reazzjoni ta' Inglott, kienet li d-dokumentazzjoni li kellu fuqu l-appellant kien fiha "*reputationally sensitive information*", u li s-sitwazzjoni kienet waħda b'riskju għoli[31]. Mhuwa għalhekk minnu xejn li Inglott biddel l-attitudni tiegħu aktar m'għadda ż-żmien jew li dawwar dik il-verżjoni għall-għanijiet li jipprospetta l-appellant, u dan biex ikollu xi ġustifikazzjoni fuq xiex ikeċċih;

[31] Ara l-*e-mail* li bagħat Gregory Inglott lill-appellant, ftit tal-minuti wara li l-appellant għarraf lill-bank bl-inċident. (Fol 107-108).

44. Lanqas ma qed ikun korrett l-appellant meta qed jirreferi għal 'Dok MM1'[32] biex jipprova jargumenta li HSBC kien ħadlu 'l-klijenti tiegħu' b'mod permanenti, u li għalhekk kien diġà ddeċieda li jkeċċih. Id-dokument li qed jirreferi għalih l-appellant huwa biss l-ewwel faċċata minn dokument itwal, li għar-raġunijiet li jaf hu, l-appellant naqas milli jippreżentah kollu. Fil-fatt minn dokument 'HSBC6' li huwa kopja sħiħa tad-dokument li qed jirreferi għalih l-appellant, jirriżulta li f'dak l-istess dokument, il-Bank fisser in-nuqqas tiegħu hekk: "*Temporanjament, Mark mhux f'pożizzjoni li jkun ir-RM tiegħek. Għalissa jien ser inkun qed nieħu ħsieb il-kontijiet tiegħek*"[33]. Ma jistax għalhekk jintqal li l-verżjoni ta' Gregory Inglott ġiet b'xi mod jew ieħor kontradetta.[34] Wisq anqas ma jista' jintqal li l-appellant irnexxielu jipprova li HSBC ħadlu l-klijenti 'tiegħu' b'mod permanenti;

45. Huwa daqstant ieħor kontradett l-argument tal-appellant li HSBC kien diġà ddeċieda li jkeċċih u dan meta għażel li jgħaddih minn proċeduri ta' dixxiplina. Dwar dan, it-tliet membri tal-Bord ta' Dixxiplina, inkluż il-president li nħatar bi qbil bejn il-partijiet[35], ilkoll stqarrew bil-ġurament tagħhom, li ma kien hemm ħadd min-naħa tal-Bank li pprova jinfluwenzahom dwar kif kellhom jaslu għad-deċiżjoni tal-każ tal-appellant

[32] Fol .317.
[33] Ara 'Dok HSBC6', fol 139-146, u b'mod partikolari, fol: 143 u 145.
[34] Ara x-xhieda ta' Gregory Inglott, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-26 ta' Ġunju, 2014, fol 395, fejn hemmhekk jgħid li l-portafol tal-klijenti tal-appellant kien ser jitqassam b'mod temporanju bejn il-membri l-oħra fid-dipartiment.
[35] Ara x-xhieda ta' David Perotti, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2015, fol 446.

li kieku dan tħalla jitkompla[36]. L-istess membri tal-Bord ikkonfermaw ukoll li kollox mexa bħalma ġara fi proċeduri oħrajn ta' dixxiplina li huma kienu involuti fihom u skont il-proċeduri dixxiplinari li hemm imniżżla fil-ftehim kollettiv[37]. Ħadd minn dawn it-tliet membri ma sarlu kontroeżami, u x-xhieda tagħhom ma ġietx kontradetta;

46. Meqjus dan, il-Qorti jidhrilha li l-appellant infaxxa rasu qabel ma qasamha, u dan għaliex anke li kieku stess huwa kellu jinstab ħati tax-xiljiet li ġew imressqa kontrih, dik il-ħtija ma kinitx bilfors sejra twassal għat-tkeċċija tiegħu minn mal-Bank. Kemm hu hekk, minn ħarsa lejn dik il-parti tal-ftehim kollettiv li hija dwar il-proċeduri dixxiplinari ('Dok HSBC5'), jirriżulta li f'dawk il-każijiet li impjegat jinstab ħati ta' '*gross misconduct*', il-konsegwenza ma kellhiex bilfors tkun ta' tkeċċija, bħalma qed jagħti l-impressjoni l-appellant, iżda setgħet ukoll tikkonsisti f'azzjonijiet oħrajn bħal pereżempju: "*a final written warning*", "*a disciplinary transfer to an alternative place of work*", "*forfeiture of a maximum of three (3) months pay*"; "*stoppage/postponement of the next discretionary performance award*"; "*reduction in pay up to a maximum of 20%*"; "*suspension without pay for a maximum of six (6) months*"; jew "*a downgrading with reduction in pay*"[38]. F'kull każ, l-appellant kellu mbagħad wkoll dritt li jappella minn dik id-deċiżjoni[39] u fl-aħħar mill-aħħar

---

[36] Ara f'dan is-sens l-affidavits ta': (i) Joseph Borg (Dok JB1 – fol 436); Steven Zarb (Dok SZ1, fol. 437), u (iii) James Bullock, (Dok JB2 – fol 438).
[37] Id.
[38] Ara 'Dok HSBC5' fol 76-77.
[39] Id. fol 77;

seta' wkoll jikkontesta d-deċiżjoni tal-Bank quddiem il-qrati u tribunali, skont il-każ[40]. Fuq kollox, u dejjem kif tifhimha din il-Qorti, li kieku HSBC tassew ried li jkeċċi lill-appellant akkost ta' kollox, ma kienx jirtira – kif għamel fil-mori tal-kawża fl-ewwel istanza – il-proċeduri dixxiplinari li beda kontrih u jerġa' jitolbu jidħol lura għax-xogħol[41];

47. Lanqas mhuma siewja l-ilmenti tal-appellant sa fejn għandhom x'jaqsmu mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni. Huwa magħruf sewwa li sabiex persuna tkun tista' titqies li ġarrbet trattament diskriminatorju, dik il-persuna għandha tipprova li: (a) tkun ingħatat trattament differenti minn dak mogħti lil xi persuna jew għadd ta' persuni oħrajn; (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha; (ċ) li t-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq; u (d) li f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[42]. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-appellant qed jeħel mat-tieni skaluna u dan għaliex ma seħħlux li jipprova li l-persuni li qed jirreferi għalihom kienu fl-istess qagħda tiegħu, jew tal-inqas f'qagħda li tixbaħ lil tiegħu;

---

[40] Id. fol 58.B'mod partikolari fil-ftehim kollettiv jingħad li: *"These procedures do not affect in any way the right of Employees to pursue external remedies following the exhaustion of the Bank's internal procedures."*

[41] Ara f'dan is-sens 'Dok SM7 u Dok SM8', fol 524 u 525.

[42] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta': ***Rita Vella v. Tabib Prinċipali tal-Gvern,*** ikkonfermata minn din il-Qorti fil-26 ta' Jannar, 2022 (Rik. 140/2012/1).

48. L-ewwel nett, u bħalma qalet sewwa l-Ewwel Qorti, l-appellant ma jistax jippretendi li l-każ tiegħu jixxebbaħ ma' dak ta' Phyllis Bajada Abram, u dan għaliex f'dak il-każ, dik l-impjegata kienet vittma ta' serqa (*hold-up*), u mhux għaliex tilfet id-dokumenti. Barra minn hekk, u b'kuntrast mal-każ tal-appellant, dik l-impjegata ma kellhiex fuqha lista bid-dettalji kollha tal-klijenti tagħha, u minflok kellha biss: (i) id-djarju tagħha, u (ii) żewġ fajls tal-klijenti li kienet ser iżżur, wieħed dakinhar stess u dan ftit tal-minuti wara li nsterqet, u l-ieħor, l-għada filgħodu[43]. L-appellant ma jistax għalhekk jgħid li huwa mexa fuq l-istess proċedura li mxiet fuqha Phyllis Bajada Abram, u dan għaliex filwaqt li din kellha d-dokumenti fuqha biex taqdi 'ħtieġa tan-negozju' kif permess mill-'*policy B.10.1.6*', min-naħa l-oħra l-appellant ġarr id-dokumenti miegħu fi żmien meta ħareġ fuq azzjoni industrijali u għalhekk fi żmien meta ma kienx mistenni li jaħdem billi jżur klijenti tax-xogħol[44];

49. Hekk ukoll, l-appellant lanqas ma jista' jippretendi li l-każ tiegħu huwa l-istess bħal dak tal-bqija tal-kollegi tiegħu li qed jirreferi għalihom fir-rikors tal-appell. B'kuntrast għal sħabu, l-appellant mhux biss ħareġ dokumentazzjoni ristretta li ma kellux għalfejn joħroġ miegħu, iżda wkoll spiċċa biex <u>tilef</u> dawk id-dokumenti, bil-konsegwenza li l-inċident tal-appellant tperreċ mal-erbat irjieħ tad-dinja fuq l-internet, u dan bi ħsara

[43] Ara f'dan is-sens *e-mail* mibgħut minn Martin Scicluna li dakinhar tal-inċident kiteb li: "*the lone assailant took her briefcase which included a bank phone, a diary and two customer files. <u>The files were in her possession because she had a 4.00pm appointment with Mr Ellul, and she has an appointment with Ms Pace for tomorrow morning</u>*". (fol. 406.)
[44] Ara f'dan is-sens §25 *supra* ta' din is-sentenza

għar-reputazzjoni tal-Bank appellat[45]. Id-differenza bejn il-każ tal-appellant u dak tal-kollegi tiegħu hija mbagħad mirquma f'aktar dettall fil-konklużjoni tal-investigazzjoni addizzjonali ta' Mark Drago u Rita Farrugia, li fiha osservaw hekk:

> "*All the PCMs confirmed that they never left their case containing Restricted customer information unattended in the car but kept it always with them. In MM's investigation it transpired that he left the case with Restricted customer information unattended, in his car which was parked in a private car park for more than 5 hours. After taking into consideration the fact finds with all the PCMs, GI, IC and MM we are of the opinion that our original conclusion remains i.e. that MM did not follow Bank's policy by taking restricted information out of Bank premises, when he knew he did not need it and of the fact that the lost customer information has created reputational damage, Head of HR may wish to start disciplinary procedures*."[46];

50. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet, l-appellant lanqas ma jista' jqabbel in-nuqqasijiet tiegħu ma' dawk tas-superjuri tiegħu Gregory Inglott u Ian Casingena, u għalhekk minn dan l-aspett ukoll, l-appellant ma jistax jgħid li ġarrab xi trattament diskriminatorju;

51. L-ilmenti tal-appellant li jinġabru taħt ir-ras *'diskriminazzjoni'* lanqas mhuma għalhekk mistħoqqa;

52. Ilment ieħor tal-appellant huwa mbagħad fis-sens li "*l-ewwel Qorti ma qieset bl-ebda mod il-motiv veru wara l-azzjonijiet tal-bank*"[47]. F'dan ir-rigward, huwa jfisser li huwa kien attiv ħafna fl-irwol tiegħu bħala uffiċjal

[45] Ara 'Dok HSBC9', li fih estratti minn fuq il-websajts tal-gazzetti lokali li rrapurtaw l-inċident li wassal għal din it-tilwima, fol 155-164. Ara wkoll il-*'Letter of Charge',* 'Dok HSBC1', fol 9.
[46] Dok MG2, fol 270.
[47] Dan l-ilment jinsab taħt ir-ras '*Il-veru motiv wara l-aġir tal-bank konvenut'.*

tal-MUBE u jargumenta li HSBC issospendih u nieda l-proċeduri dixxiplinari kontrih bil-għan li 'jeħles minnu' u jaqtgħu 'l barra min-negozjati li kienu għaddejjin bejn l-Bank u l-MUBE dwar il-ftehim kollettiv li wassal għat-tilwima industrijali. Jgħid ukoll li dan kollu jirriżulta 'mill-fatt' li Mark Drago xehed kif huwa ma kienx irrakkomanda lid-dipartiment tar-riżorsi umani tal-Bank biex jissospendih u kif, minkejja dan, il-Bank appellat xorta waħda ssospendih. Skont l-appellant, 'il-veru motiv' wara l-proċeduri dixxiplinarji li l-Bank nieda kontrih kien għalhekk biex jilħaq l-għanijiet tiegħu li jbiddel il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-'*private client managers*', li ma kellhomx għalfejn jinbidlu minħabba r-regolamenti Ewropej, kif 'ikkonkludiet ħażin' l-Ewwel Qorti;

53. Kif jgħid sewwa HSBC, bħal ħafna mill-ilmenti ta' qabilhom, dawn l-ilmenti huma msejsa biss fuq spekulazzjoni bla bażi. Tajjeb jew ħażin, l-appellant irid jaċċetta li n-nuqqasijiet tiegħu wasslu biex ħammru wiċċ il-Bank appellat, tant li l-inċident tat-telfien tat-tagħrif dwar il-klijienti tiegħu spiċċa rrappurtat fuq il-gazzetti[48] u kien hemm saħansitra klijent partikolari li ressaq protest ġudizzjarju kontra HSBC dwar dan l-istess inċident[49]. Skond il-ftehim kollettiv, inċident b'konsegwenzi bħal dawn jagħti l-jedd lil HSBC li jniedi proċeduri dixxiplinari fuq ix-xilja ta' '*gross misconduct*', tant li eżempju partikolari li huwa mniżżel fil-ftehim kollettiv li jammonta għal tali kondotta ħażina huwa sewwasew: "*when an*

48 Ara 'Dok HSBC9', fol 155 sa 164.
49 Ara 'Dok HSBC6', fol 85 u 86.

*employee brings the name of the Bank into disrepute or acts in a way that potentially could bring the Bank into disrepute*"[50]. Ġaladarba HSBC kellu raġuni tajba fuqhiex jixli lill-appellant bi '*gross misconduct*', dan ma jistax jippretendi li ma kellux iwieġeb għal dak li ġie mixli bih, u dan billi jitfa' fir-roti kull bastun li ġie għal idejh bit-tentattiv li jwaqqaf il-proċeduri li nbdew kontrih akkost ta' kollox. Hekk ukoll, l-appellant ma setax jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi mod ieħor;

54. F'kull każ, u bħalma ġie osservat tajjeb minn HSBC, l-appellant lanqas ma qed ikun korrett meta jgħid li l-intenzjonijiet ħżiena tal-Bank appellat ikomplu joħorġu mill-fatt li Mark Drago xehed kif huwa ma kienx irrakkomanda lid-dipartiment tar-riżorsi umani biex jissospendu lill-appellant. Għalkemm huwa minnu li Mark Drago xehed kif huwa m'għamilx rakkomandazzjoni bħal dik, l-istess xhud, fl-istess kontroeżami qal li tali deċiżjoni ma kinitx taqa' fil-kompitu tiegħu, u li kien hemm impjegati oħra li ġew sospiżi minn fuq ix-xogħol u dan bla ma għamel rakkomandazzjoni f'dan is-sens[51]. Fuq kollox, is-setgħa tal-Bank li jissospendi ħaddiem matul investigazzjoni fuq xilja ta' '*gross misconduct*' hija wkoll imnaqqxa fil-ftehim kollettiv, fejn hemmhekk insibu mniżżel li: "*In cases of suspected Gross Misconduct an employee will* ***normally*** *be suspended while an investigation is carried out*"[52];

---

[50] 'Dok HSBC5', fol 76.
[51] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Mark Drago li sar waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2015, fol. 470.
[52] 'Dok HSBC5', fol 76.

55. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-istess fehma li HSBC ma għamel xejn irregolari fil-proċeduri dixxiplinari li nieda fil-konfront tal-appellant u għaldaqstant l-ewwel żewġ talbiet li tressqu fir-rikors maħluf li bih infetħet din il-kawża ma setgħux jintlaqgħu;

56. L-ilmenti tal-appellant taħt ir-ras *'__il-veru motiv wara l-aġir tal-bank konvenut__'* qegħdin għalhekk jiġu wkoll miċħuda;

57. Ilment ieħor li qed iressaq l-appellant huwa mbagħad dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-ftehim li ġie ffirmat bejn l-MUBE u HSBC f'April 2013 wassal biex huwa ma jkollux aktar il-jedd li jippretendi li l-Bank jerġa' jdaħħlu lura għax-xogħol fil-grad li kien jokkupa qabel ma ġie sospiż. F'dan ir-rigward, l-appellant jissottometti li dan il-ftehim ma kienx jgħodd awtomatikament iżda kien soġġett għall-aċċettazzjoni individwali tal-impjegati konċernati, li kellhom jirrinunzjaw għall-jeddijiet tagħhom relatati mal-ftehim kollettiv preċedenti, kif ukoll għall-pretensjonijiet tagħhom kontra l-Bank fir-rigward ta' dak kollu li ġara tul it-tilwima industrijali. Jgħid li huwa la ffirma xi ftehim bħalma għamlu sħabu, la ffirma ftehim ieħor magħmul apposta għalih biss, u lanqas ma ffirma l-ftehim prinċipali tal-MUBE. Filwaqt li jirreferi għall-fatt li, fil-ftehim li rreferiet għalih l-Ewwel Qorti, ġie sewwasew imniżżel li dak il-kuntratt kien qed jiġi ffirmat bla ħsara għall-jeddijiet u l-pretensjonjiet tiegħu li ressaq f'din il-kawża, jissottometti li l-istess Bank kien għamilhielu ċara li kemm-

il darba ma jiffirmax xi forma ta' rinunzja, il-kuntratt prinċipali ma kienx ser ikun jgħodd għalih, u dan magħdud miegħu il-'*buy-out*'*.* Sfiq ma' dan, jgħid li fl-aħħar mill-aħħar kien HSBC li ddeċieda li jpoġġilu s-somma ta' mija u tmint elef ewro (€108,000) fil-kont tiegħu bħala '*buy-out*' u dan mingħajr biss ma kien hemm l-ebda ftehim fir-rigward. L-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma fehmitx l-'irwol il-ġdid' li HSBC qed jippretendi li jagħtih, u jisħaq li l-irwol 'il-ġdid' ta' *Executive Premier Manager* 'lanqas biss jeżisti', 'huwa inferjuri b'żewġ skali minn dak ta' sħabu', u la sar bi ftehim miegħu u lanqas mal-MUBE;

58. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas dan l-ilment ma jista' jwassal lill-appellant fejn jixtieq hu u ma jistax ma jiġix miċħud. It-tielet talba li fiha l-appellant talab lill-Qorti sabiex tordna "*r-reintegrazzjoni tal-[a]ppellant fil-pożizzjoni li kellu, u bħal sħabu l-impjegati fil-Private Clients Department*", hija konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet li tressqu fir-rikors maħluf. Din il-Qorti diġà sabet li l-ewwel żewġ talbiet mhumiex mistħoqqa, u għalhekk fuq hekk biss, it-tielet talba ma tistax tintlaqa';

59. F'kull każ, l-ilment tal-appellant lanqas ma huwa siewi. Għalkemm l-appellant qed jisħaq li huwa mhuwiex marbut bil-ftehim ta' April 2013, għaliex la ffirmah u lanqas sar xi ftehim ieħor ta' rinunzja, jibqa' xorta waħda l-fatt li f'dak il-ftehim l-MUBE qablet ma' HSBC li twaqqaf is-'*sales force and sales management agreements*' li kienu jirregolaw it-termini u kundizzjonijiet tal-impjegati fid-dipartiment tal-'*wealth management*' fl-

iskali ta' A21 sa A26, u dan b'effett b'lura mill-31 ta' Diċembru, 2012[53]. Barra minn hekk, u għalkemm huwa minnu li ġie mniżżel li dak il-ftehim kien bla ħsara għall-jeddijiet tal-appellant "*to pursue any claim against the bank including his rights under the prohibitory injunction numbered 42/2013 and his right to proceed with the law suit numbered 153/2013 which was filed following the said prohibitory injunction*"[54], ma jistax però jitħalla barra l-fatt li ftit 'l isfel minn dik il-klawsola, u dejjem fl-istess ftehim, tniżżel li:

> "*A Sales Force and Sales Management agreement **<u>contract buy out has been agreed</u>** **<u>in order for the employees concerned to fall under the new terms as stipulated in the collective agreement which is being signed together with this agreement, and the following amounts will be paid to the employees mentioned</u>** with the next salary run following the signature and execution of this Agreement.*
>
> *Contract Buy Out: (euro) for Private Client Managers*

| | |
|---|---|
| *(omissis)* | *(omissis)* |
| *(omissis)* | *(omissis)* |
| ***<u>Mark Muscat</u>*** | ***<u>108,000</u>*** |
| *(omissis)* | *(omissis)* |
| *(omissis)* | *(omissis)* |
| *(omissis)* | *(omissis)*"[55]; |

60. Fil-fehma tal-Qorti, il-klawsola li qed jistrieħ fuqha l-appellant ma tistax tinqara waħdeha, iżda għandha tingħata s-sens li jirriżulta minn dak il-ftehim kollu[56]. Li kieku l-ftehim ta' April 2013 kien bla ħsara għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-grad li kellu l-appellant qabel dak il-ftehim, l-

[53] 'Dok HSBC N1', fol. 400 – *"The Bank and the Union have agreed to terminate the Sales Force and Sales Management Agreements regulating the terms and conditions of the Wealth Management employees who are in Grades A21 to A26, with effect from the 31st December 2012."*
[54] Estratt meħud minn 'Dok.HSBC N1', fol. 401.
[55] Estratt meħud minn 'Dok HSBC N1', fol. 402.
[56] Ara f'dan is-sens l-Artikolu 1008 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

appellant ma kienx ser jissemma b'ismu bħala wieħed mill-'impjegati konċernati' li kien qed jitħallas '*buy out*' ta' €108,000, biex jibda jaqa' taħt il-ftehim kollettiv il-ġdid li kien qed jiġi ffirmat kontestwalment ma' dak il-ftehim li ġie ffirmat mill-MUBE. Kif ingħad kemm-il darba mill-Qrati, ftehim kollettiv għandu s-saħħa ta' liġi[57] u jorbot lill-klassi tal-ħaddiema li għalih jirreferi[58], ukoll jekk saħansitra dawk il-ħaddiema ma jkunux membri fit-*'trade union'* li tkun magħrufa mill-prinċipal u li tkun innegozjat dak il-ftehim[59]. Ġaladarba li l-MUBE qablet li l-appellant kien wieħed mill-impjegati li kellu jaqa' taħt il-ftehim kollettiv il-ġdid u li l-impjegati fil-klassi tal-appellant kellhom jiġu ntegrati fis-sistema eżistenti tal-GCB[60], l-appellant huwa marbut b'dak li ffirmat għalih l-MUBE, u ma jistax issa jibqa' jippretendi li huwa għandu jiddaħħal lura fl-istess kariga ta' 'A24C' li kien fiha qabel is-sospensjoni u li, wara l-iffirmar tal-imsemmi ftehim, ma baqgħetx teżisti aktar;

61. Fl-aħħar mill-aħħar, il-fatt ta' kemm l-appellant huwa marbut bil-ftehim ta'April 2013, jista' jiġi wkoll mislut mill-fatt li llum il-ġurnata, l-

[57] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Josephine Vella et. v. Korporazzjoni Enemalta,*** deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2010, (App. Ċiv. 18/2008/1).
[58] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dr. Gabriella Fumia v. Direttur Ġenerali Veterinary and Phytosanitary Regulation Department,*** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2022, (App.Ċiv. 347/2014/1).
[59] Ara f'dan is-sens id-digriet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet ta' ***Air Malta p.l.c. v. Association of Airline Operation Controllers (Malta) (AAOC),*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-**19 ta' Lulju, 2018**, (Rik. 1034/2018JRM).
[60] B'mod partikolari, fil-ftehim ta' April 2013 ġie mniżżel li: "*The Wealth Management employees shall be integrated in the existing GCB structure of the Bank with effect from the 1st January' 2013 and shall be subject to the Collective Agreement signed between the Bank and the Union on the 9th November 2011 except as may be otherwise provided in this agreement, or in the particular terms and conditions stipulated in the subsidiary collective agreement being signed together with this agreement*" (fol. 400).

appellant m'għadux jitqies li għadu fil-grad li kellu qabel ta' 'A24C', iżda fil-grad il-ġdid ta' 'GCB5'. Dan l-istat ta' fatt mhux biss ġie mtenni mir-rappreżentanti ta' HSBC,[61] iżda saħansitra ġie mistqarr mill-appellant stess li hekk kif kien qed jiġi kontroeżaminat, ikkonferma li llum il-ġurnata huwa "*qiegħed fil-grade GCB5 senjatament Global Career Banking*"[62]. Li kieku l-appellant ma kienx tabilħaqq marbut bil-ftehim ta'April 2013, huwa kien iwieġeb li kien għadu fil-grad li kellu qabel u ċioè dak ta' 'A24C' u ma kien qatt ser jistqarr li qiegħed fil-grad 'il-ġdid' ta' 'GCB5';

62. Dak li għadu kif ingħad huwa biżżejjed, fil-fehma ta' din il-Qorti, biex iwassalha tiċħad it-tielet talba tar-rikors maħluf (sa fejn għandu x'jaqsam dan l-ilment), u dan anke jekk saħansitra kellhom jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet;

63. Anke l-ilmenti taħt ir-ras imsemmija bħala *<u>'ftehim kollettiv'</u>* qegħdin għalhekk jiġu miċħuda;

64. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam maċ-ċaħda tal-aħħar tliet talbiet li huma dwar il-pretensjoni tal-appellant għad-danni, din il-Qorti tinnota li għalkemm l-appellant niżżel li qed jagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet, huwa mbagħad naqas għal kollox milli jispjega x'inhu

---

[61] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' David Perotti, li ġiet mogħtija fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2017. (fol. 529.)
[62] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami li sar lill-appellant waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu, 2017. (fol. 515B).

l-ilment tiegħu u sewwasew għalfejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija żbaljata f'dan is-sens. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti ma tistax tħassar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam maċ-ċaħda tal-aħħar tliet talbiet li tressqu fir-rikors maħluf[63] u għaldaqstant is-sentenza appellata ser tkun qed tiġi kkonfermata għal kollox;

65. F'kull każ, u peress li din il-Qorti diġà qalet li qed taqbel mal-Ewwel Qorti li HSBC ma mexiex b'mod irregolari jew abbużiv fil-proċeduri dixxiplinari li nieda fil-konfront tal-appellant, l-aħħar tliet talbiet tar-rikors maħluf lanqas ma setgħu jintlaqgħu, u dan għaliex kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dak l-użu[64];

66. Għal dak li jirrigwarda dik il-parti tat-tielet talba attriċi li titlob it-twaqqif definittiv tal-azzjoni dixxiplinari, lanqas din ma setgħet tintlaqa' mill-Ewwel Qorti ladarba HSBC kien għażel li jwaqqaf kull proċedura li kien nieda kontra l-appellant sa minn żmien qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

***Decide:***

67. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[63] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Jesmond Grixti v.Dr. Mark Mifsud Cutajar et.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**12 ta' Mejju, 2022** (App. Ċiv. 80/2018/3).
[64] Artikolu 1031 tal-Kap. 16.

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attur mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox dik is-sentenza, magħdud il-kap tal-ispejjeż; u

**Tordna** li l-attur appellant iħallas ukoll l-**ispejjeż** ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da